# *Il-Banda fl-Imgħoddi*

**Ġużeppi Farrugia**

Fil-Laqgħat Ġenerali Annwali li saret il-Ħadd 7 ta' Mejju 1954, barra x-xogħlijiet tas-soltu, ġew imressqa *Sett ta' Regulamenti* ġodda minflok dawk li kellna qabel. B'dawn ir-Regulamenti l-ġodda, il-President ta' l-Għaqda tagħna jibda jiġi maħtur dirett mil-Laqgħa Ġenerali minflok minn fost il-membri eletti għall-kumitat. Il-president, elett mil-Laqgħa Ġenerali baqa' s-Sur Jos. Vassallo, li fid-*Diskors mill-President* tkellem dwar il-kwistjoni tad-dritta u qal li ftit ġranet oħra, il-banda tagħna se dgawdi d-dritta għall-ewwel darba.

Peress li kif kien imqassam il-każin ma kienx qed jaqdi l-bżonnijiet tal-membri, li dan l-aħħar żdiedu ħafna, u wkoll il-finanzi tal-Għaqda tagħna kienu nkoraġġanti, il-kumitat beda jaħseb biex isir irranġar ta' Bottegia għall-kumdità tal-membri, speċjalment dawk li kienu jiġu l-każin kuljum.

Wara s-suċċess li kellna bl-*Innu lill-Madonna taċ-Ċintura*, kien xieraq ħafna li jkollna wkoll *Innu lill-Santa Marija*, li jkun jista' jindaqq ukoll mill-banda mistiedna waqt il-purċissjoni, bħal ma jsir fil-festa lill-Madonna taċ-Ċintura, u jitkanta wkoll mill-*Kor Tfal taċ-Ċintura*. Il-kumitat qabel li l-kliem għal dan l-Innu jiktbu wkoll Patri Cherubin Farrugia O.C., waqt li l-mużika jiktibha s-Surmast Joseph M. Bilocca. Is-Sinjorini Ellul se jergħu wkoll jieħdu ħsieb il-*Kor Tfal taċ-Ċintura*.

Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret il-Ħadd 30 ta' Jannar 1955 is-Sur Jos. Vassallo, fid-*Diskors mill-President*, reġa' appella biex id-deċiżjonijiet jittieħdu bil-għaqal u bil-kalma, biex dawk is-sagrifiċċji li għamilna s'issa ma jtirux mar-riħ, issa, li din is-sena se ngawdu d-dritta għall-ewwel darba.

Is-sena li għaddiet, jidher li ttieħdu deċiżjonijiet tajba, u kull min kien b'xi responsabiltà beda juża aktar moħħu milli qalbu, għaliex din is-sena, mit-30 ta' Lulju 1955 bdejna ngawdu d-dritta għall-ewwel darba, iżda kultant tiskanta x'jinqala'.

Skond ftehim li sar żmien ilu, il-banda barranija li jkollha d-dritta għandha ddoqq in-naħa tal-banda tal-Gudja li jkollha d-dritta, għalhekk din is-sena, l-banda barranija li kellha d-dritta, kellha ddoqq in-naħa tal-każin tagħna, iżda peress li kienet l-ewwel darba li aħna ingawdu d-dritta, il-banda barranija, li dejjem daqqet ħdejn l-istatwa ta' Santa Marija, meta għedna lill-kumitat tal-banda barranija li din is-sena jridu jdoqqu n-naħa tal-każin tagħna – ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp – tal-kumitat wieġbu li huma dejjem ħdejn Santa Marija daqqew, għalhekk, aħna ħadna l-passi meħtieġa ma' l-Awtorità, sew Ekkleżjastika kif ukoll Ċivili, li ordnaw lill-banda barranija żżarma minn ħdejn Santa Marija u tarma ħdejn San Ġużepp, fuq il-planċier tagħna, jiġifieri l-baned barranin din is-sena bidlu posthom.

Fl-aħħar ġranet ta' Frar 1955 saret l-Elezzjoni Ġenerali u l-Gudjan Dr. Ġorġ Borg ġie elett għall-Parlament ta' Malta, u kien jifforma parti mill-Partit fil-Gvern. Fuq talba li kien għamlilna Dr. Ġ. Borg il-kumitat tagħna kien tah ittra bil-bżonnijiet li aħna dehrilna li kien bżonn kbir li jsiru fil-Gudja, li ħafna minnhom saru mal-ewwel, filwaqt li oħrajn saru aktar tard matul iż-żmien.

Fil-Laqgħa li saret fl-14 ta' Settembru 1955, il-kumitat tagħna ddeċieda li jaċċetta l-istedina, li sikwit kienet issir lill-Għaqda tagħna, biex nidħlu membri fil-*Malta Band Clubs Association*, u b'ittra bl-istess data infurmajna b'dan lill-*Association*. Bħala rappreżentant ta' l-Għaqda tagħna fil-M.B.C.A., ġie maħtur is-Segretarju Ġużeppi Farrugia filwaqt li s-Sinjuri Sinforiano Desira (Assistent Segretarju) u Ġanni Abela (membru) kienu d-Delegati ta' l-Għaqda tagħna.

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Settembru 1955 saret il-festa lill-Madnna taċ-Ċintura fil-Gudja, u għall-okkażjoni l-kumitat ħass li tkun ħaġa sabiħa ħafna li nistiednu lill-Kleru, Għaqdiet kollha fil-Gudja, u l-Banda Pinto ta' Ħal Qormi li tkun qed iddoqq waqt il-

• *ikompli għal paġna 41*

• ikompli minn paġna 39

festa biex wara l-funzjoni tal-Knisja, jiġu l-każin jifirħu magħna, u kienet ta' sodisfazzjoni għalina, naraw ħafna nies fis-sala tal-każin, li kollha kienu jirrappreżentaw lill-Għaqda tagħhom. Fid-diskors li għamel waqt dan ir-riċeviment is-Sur Jos. Vassallo, bħala l-President ta' l-Għaqda tagħna, irringrazzja lill-Għaqdiet kollha tal-Gudja, li kellhom ir-rappreżentanti tagħhom f'din l-ewwel laqgħa li saret fil-Gudja fil-festa, u awguralhom li sena oħra nerggħu niltaqgħu hawnhekk fil-festa lill-Madonna taċ-Ċintura.

Matul dan iż-żmien ħareġ idoqq mal-banda tagħna l-bandist Karmenu Borg bil-katuba u s-servizzi li għamlet il-banda tagħna kienu dawn:

## 4 ta' April 1954

**Programm Funebri — Gudja**

Il-banda tagħna daqqet Programm ta' Mużika Funebri quddiem il-każin

Surmast Joseph M. Bilocca

## 11 ta' Lulju 1954

**San Sebastjan — Qormi**

Il-banda tagħna daqqet marċi mat-toroq tal-Parroċċa u wara esegwiet dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Overture | **Nabucco** | Giuseppe Verdi |
| Fantasia | **La Favorita del Re** | Gaetano Donizetti |
| Marcia | **Polifonica** | Giovanni Giumarra |
| Innu | **Our Lady of Consolation Band** | Willie Attard |
| Innu | **Malti** | Dr. Robert Samut |
| | **God Save the Queen** | |

Surmast Joseph M. Bilocca

## 1 ta' Awissu 1954

**San Pietru — Birżebbuġa**

Il-banda tagħna daqqet marċi mat-toroq tal-parroċċa u wara esegwiet dan il-programm fil-Bajja ta' San Ġorġ.

| | | |
|---|---|---|
| Innu | **San Pietru** | Carmelo Pace |
| Intermezz | **Visione** | Cav. M. Bartolucci |
| Overture | **Nabucco** | Giuseppe Verdi |
| Fantasia | **La Favorita del Re** | Gaetano Donizetti |
| Innu | **Our Lady of consolation Band** | Willie Attard |
| Innu | **Malti** | Dr. Robert Samut |
| | **God Save the Queen** | |

Surmast Joseph M. Bilocca

## 13 ta' Awissu 1954

**Santa Marija — Gudja**

Wara marċ mat-toroq tal-Gudja l-Banda tagħna daqqet dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Sinfonia | **Tancredi** | Goacchino Rossini |
| Intermezz | **Visione** | Cav. M. bartolucci |
| Marcia | **I Diavoli Bianchi** | Cristoforo |
| Innu | **Our Lady of Consolation Band** | Willie Attard |
| Innu | **Malti** | Dr. Robert Samut |
| | **God Save the Queen** | |

Surmast Joseph M. Bilocca

## 14 ta' Novembru 1954

**Programm tal-Lotto — Gudja**

Il-banda tagħna daqqet din il-mużika:

| | | |
|---|---|---|
| Preludio | **Mefistofele** | Arrigo Boito |
| Intermezz | **Cavalleria Rusticana** | Pietro Mascagni |
| Overture | **Unfinished** | Franz Schubert |
| Marcia | **Festa a Roma** | Cina |
| Intermezz | **Il Mattino** | Cav. M. Bartolucci |
| Innu | **Our Lady of Consolation Band** | Willie Attard |
| Innu | **Malti** | Dr. Robert Samut |
| | **God Save the Queen** | |

Surmast Joseph M. Bilocca

## 27 ta' Marzu 1955

**Programm Funebri — Gudja**

Il-banda tagħna daqqet Programm ta' Mużika Funebri.

Surmast Joseph M. Bilocca

## 10 ta' Lulju 1955

**San Sebastjan — Qormi**

Il-banda tagħna daqqet marċi mat-toroq tal-parroċċa u wara daqqet dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Sinfonia | **Prezziozina** | Fucini |
| Selection | **Norma** | V. Bellini |
| Preludio | **Mefistofele** | Arrigo Boito |
| Innu | **Our lady of Consolation Band** | Willie Attard |
| Innu | **Malti** | Dr. Robert Samut |
| | **Fod Save the Queen** | |

Surmast Joseph M. Bilocca

## 6 ta' Awissu 1955

**San Pietru — Birżebbuġa**

Il-banda tagħna għamlet marċ mat-toroq tal-parroċċa u wara daqqet dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Innu | **San Pietru** | Carmelo Pace |
| Preludio | **Mefestofele** | Arrigo Boito |
| Selection | **Norma** | Vincenzo Bellini |
| Sinfonia | **Prezziozina** | Fucini |
| Intermezzo | **Cavalleria Rusticana** | Pietro Mascagne |
| Innu | **Our Lady of Consolation Band** | Willie Attard |
| Innu | **Malti** | Dr. Robert Samut |
| | **God Save the Queen** | |

Surmast Joseph M. Bilocca

## 14 ta' Awissu 1955

**Santa Marija — Gudja**

Wara l-marċ mat-toroq tal-Gudja l-banda tagħna daqqet dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Innu | **Santa Marija (bil-kor)** | Joseph M. Bilocca |
| Selection | **Norma** | Vincenzo Bellini |
| Marcia | **Giovinezza** | Vincenzo Ciappara |
| Innu | **Tal-Banda** | Willie Attard |
| Innu | **Malti** | Dr. Robert Sammut |
| | **God Save the Queen** | |

Surmast Joseph M. Bilocca

## 9 ta' Ottubru 1955

**Fiera — Gudja**

Il-banda tagħna daqqet Programm ta' Mużika ħafifa.

Surmast Joseph M. Bilocca

## 31 ta' Diċembru 1955

**Party għat-Tfal — Każin**

Il-banda tagħna daqqet Programm ta' Mużika tal-Milied.

Surmast Joseph M. Bilocca

**Surmast Direttur:** Jos N. Farrugia